# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Ahmad Aljoma

Illum 28 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Ahmad Aljoma imwieled Syria fl-1 ta` Jannar, 1983 u joqghod Cornerways fl- 3, Triq Hal Qormi, Birkirkara.

15, Sqaq il-Ghajn, Hamrun.

ID : 188565A

Billi int akkuzat fl-14 ta` Gunju, 2022 ghall-habta ta' 14.00 hrs u jew fil-hin ta` qabel li fi Triq id-Duluri, Pieta` u gewwa dawn il-gzejjer soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni IBT 318;

1. U b`nuqqas ta` hsieb u bi trakuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b`nuqqas ta` tharis tar-Regolamenti tat-traffiku., hbatt ma` vettura nru. LDD842 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta` Vanessa Mizzi.
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera traskurata.
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera perikoluza.
4. U talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera bla kont.

4 U talli soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta.

5 U aktar talli soqt l-istess vettura minghajr ma kont kopert b`polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

**Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.**

**Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stability mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda**

Rat l-artikoli 15(1)(a) (2) tal Kap 65 u Artikolu 328 (d) tal-Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**PS 659 C Abela** xehed permezz ta' affidavit

**Stephen Cachia** xehed permezz ta' affidavit

**<u>Tania Cetchuti</u>** xehdetin rappresentanza ta MAPFRE Middle sea plc u ezebiet Dok TC

**Vanessa Mizzi** xehdet li ma ratx l-incident isehh

**Ikkunsidrat**

Illi hemm gurisprudenza vast dwar kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni (P vs Owen Schembri per Mag Dr Yana Micallef Stafrace 18/12/23) Fic-cirkostanzi tal-kas, in-nuqqas ta' licenzja tas-sewqan ma jfissirx li polza ta' assikurazzjoni hi invalida . Dok TC hi polza valida. Rigwardanti d-dinamika tal-incident, ma kien hemm l-ebda prova dwar l-istess. Dan ifisser li ma hemm l-livell ta' provi rikjesti fil-kamp kriminali rigwardanti l-ewwel(1) , it-tieni (2) , t-tielet(3) ir-raba' (4) , u s-sitt(6) imputazzjoni.Rigwardanti il-Hames (5) imputazzjoni dan jirrizulta minn Dok A

**Decide**

Ghal dawn il- motivi wara li rat l-artikoli 15(1)(a) (2) tal Kap 65 u Artikolu 328 (d) tal-Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt

Skeda artikolu 3(1) tal- Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil Ahmad Alijomaa hati ta' l-ewwel(1) , it-tieni (2) , t-tielet(3) ir-raba' (4) , u s-sitt(6) imputazzjoni u tilliberrah minn kull htija u piena dwar l-istess izda issibhu hati tal-hames (5) imputazzjoni uhu immultat l-ammont ta'hames mitt (500)ewro.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**